*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,773, 31 ta' Mejju, 2005*
*Taqsima B*

**A.L. 174 ta' l-2005**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

## REGOLAMENTI TA' L-2005 DWAR DRITTIJIET GĦALL-IRMIĠĠ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 52 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għall-Kompetitività u l-Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta u flimkien mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Isem u bidu fis-seħħ.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu r-Regolamenti ta' l-2005 dwar id-Drittijiet għall-Irmiġġ, u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2005.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

Kap. 352.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta kif imwaqqfa fl-Att;

"bastiment" tfisser kull għamla ta' bastiment użat għat-tbaħħir, kemm jekk ibaħħar bis-saħħa tiegħu nnifsu kemm jekk le, u tinkludi ċattri, pjattaformi taż-żejt, pontuni, strutturi li jżommu fil-wiċċ, ajruplani tal-baħar, u kull xorta ta' opra tal-baħar oħra u bastimenti simili;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur Eżekuttiv responsabbli għall-portijiet maħtur taħt l-artikolu 8 ta' l-Att;

"ibħra interni" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta;

"ibħra territorjali" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att;

A.L. 43 ta' l-1966.

"irmiġġ" għandu l-istess tifsira bħal dak mogħti lil 'moll' fir-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, u jinkludi ukoll l-ankraġġ u arei ta' waqfien fil-portijiet, fl-ibħra interni jew fl-ibħra territorjali ta' Malta;

"operazzjoni" tfisser kull raġuni tal-wasla ta' bastiment f'irmiġġ, u tinkludi t-tqandil tal-merkanzija it-tlugħ u nżul ta' passiġġieri, *bunkering*, tagħbija ta' provisti, fornimenti, tiswija u tibdil ta' l-ekwipaġġ;

"port" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att;

"it-tul kollu ta' bastiment (LOA)" tfisser id-distanza mill-quddiemnett ta' l-istruttura permanenti fissa li tiġi l-aktar fuq quddiem sal-waranett ta' l-istruttura permanenti fissa li tiġi l-aktar lura;

Drittijiet għall-irmiġġ.

**3.** Kull bastiment li jidħol f'irmiġġ u li jkun taħt il-kontroll jew it-tmexxija ta', jew ikun qiegħed jiġi operat mill-Awtorità, fl-ibħra territorjali, ibħra interni jew f'port għandu jħallas id-Drittijiet għall-irmiġġ kif speċifikat fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-Regolamenti:

Iżda dawk id-drittijiet għall-irmiġġ ma japlikawx għal:

(i) bastiment li jħallas, għal użu ta' irmiġġ, skond ma jkun stabbilit jew bi provvidementi leġislattivi oħra jew b'arranġamenti u pattijiet milħuqin u approvati mill-Awtorità;

(ii) bastiment ta' Gvern barrani, sakemm dan ma jintużax għan-negozju jew għall-kummerċ.

Dokumenti li għandhom jintwerew.

**4.** Kull persuna li jkollha tħallas id-drittijiet speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, għandha tgħaddi lill-Awtorità kull dokument li jista' jkun meħtieġ sabiex jiġi aċċertat x'ikun l-ammont ta' drittijiet li għandhom jitħallsu.

Bidla fl-aġent ta' bastiment.

**5.** Meta jinbidel aġent ta' bastiment dan għandu jigi avżat bil-miktub lill-Awtorità kemm mill-aġent ta' bastiment ta' qabel, kemm mill-aġent ta' bastiment il-ġdid, immedjatament mar-reġistrazzjoni ta' dik il-bidla. Jekk ma jingħatax dak l-avviż, l-ewwel aġent ta' bastiment għandu jħallas dawk id-drittijiet li skond dawn ir-regolamenti jakkumulaw fir-rigward tal-bastiment tul iż-żmien kollu li l-bastiment idum Malta.

**6.** Bastimenti li kienu f'port jew f'ibħra interni jew territorjali qabel id-data meta dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ, għandhom jitqiesu li waslu f'dawk l-ibħra fid-data msemmija u d-drittijiet speċifikati f'dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu fir-rigward ta' dawk il-bastimenti sa minn dik id-data. Perjodu transitorju.

**7.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tagħmel kull patt jew arranġament speċjali fir-rigward ta' kull ħaġa msemmija f'dawn ir-regolamenti minflok id-drittijiet li għandhom jinġabru taħt dawn ir-regolamenti. Pattijiet speċjali.

**8.** Id-Direttur jista' jeżenta kull bastiment mill-ħlas ta' drittijiet għall-irmiġġ bla ħsara għal kull kondizzjoni li huwa jista' jqis li tkun xierqa li jimponi. Eżenzjoni minn Drittijiet.

SKEDA

(Regolament 3)

1. Kull bastiment f'irmiġġ li jkun taħt il-kontroll u t-tmexxija ta' l-Awtorità għandu jħallas id-drittijiet ta' l-irmiġġ għal kull perjodu ta' 24 siegħa jew parti minnhom, kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| LOA inqas minn 80 metru | – | Lm35 |
| LOA bejn 80 metru u 200 metru | – | Lm50 |
| LOA aktar minn 200 metru | – | Lm75 |

2. L-Awtorità tista' tiġbor drittijiet b'rata miżjuda li tvarja bejn 200% u 500% tad-drittijiet speċifikati f'paragrafu 1 jekk, fl-opinjoni tagħha, il-kaptan, is-sid jew l-aġent tal-bastiment, mingħajr ebda ġustifikazzjoni raġonevoli:

a) jipposponi l-bidu tal-operazzjoni wara l-wasla tal-bastiment fl-irmiġġ;

jew

b) iħalli l-bastiment wieqaf fl-irmiġġ, għal xi żmien, wara li tkun bdiet l-operazzjoni;

jew

ċ) jittardja t-tluq tal-bastiment mill-irmiġġ wara t-tmiem ta' l-operazzjoni;

jew

d) jonqos milli jesegwixxi ordni mogħtija mid-Direttur sabiex jitlaq mill-irmiġġ fi żmien stabbilit mid-Direttur b'avviż bil-miktub;

jew

e) iħalli bastiment fl-irmiġġ għal żmien itwal minn dak stabbilit f'xi patt bil-miktub mad-Direttur.

3. Meta bastiment jiġi ordnat mid-Direttur biex iċaqlaq minn irmiġġ għall-ieħor, iż-żmien li l-bastiment jieħu mal-moll għandu jiġi kalkulat daqs li kieku l-bastiment kien fl-irmiġġ il-ħin kollu.